MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 457/2009

**GO p.l.c. C22334**

**Vs**

**Annunziata Muscat (ID No: 829950 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-17 ta' Gunju 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf hames mja disa u ghoxrin Ewro u tnejn u tlettin centezmu (€1529.32) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

L-ammont reklamat gie ridott ghas-somma ta' elf ewro mitejn disgha u ghoxrin ewro u sitta u tlettin centezmu (€1229.36) (permezz ta' diversi noti ta' riduzzjoni

ppresentati mis-socjeta attrici u l-ahhar verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2011) stante hlas akkont.

Sema' x-xhieda ta'  Dr. Ingrid Zammit Young.

Ra l-ahhar verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2009 fejn il-konsulent legali tal-konvenuta iddikjarat illi l-ammont huwa ta' elf ewro disgha u ghoxrin ewro u sitta u tlettin centezmu (€1229.36) stante hlas ta hamsin Ewro (€50) iehor; u li l-konvenuta hija lesta tinghata sentenza fuq dan l-ammont b'dan li tkompli thallas l-ammont bir-rata ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar.

Sema ix-xhieda ta' Annunziata Muscat waqt is-seduta tal-9 ta Frar 2011, fejn ammettiet it-talbiet tas-socjeta attrici fis-somma ridotta ta' elf ewro mitejn u disgha u ghoxrin ewro u sitta u tlettin centezmu (€1229.36) li pero ma gietx traskritta ghall-ragunijiet teknici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici tas-somma ta' elf ewro mitejn u disgha u ghoxrin ewro u sitta u tlettin centezmu (€1229.36) bir-rata ta' ta' hamsin ewro (€50) kul xahar ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------